MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2010

Numru. 609/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**
**KONTRA**

**MARTIN FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Martin Farrugia ta’ 47 sena, bin Gaetano u Mary nee’ Muscat, mwieled Pieta’ nhar l- 20 ta’ Lulju 1962, residenti Holy Mary, Triq id- Dejma, Fgura u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 441162M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar is- 17 ta’ Marzu 2010, ghal habta tad-8.45hrs, fi Triq Abela, f’ Santa Venera, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara f’ bieb ta’ barra propjeta’ ta’ Filippa u Mario Farrugia minn Santa Venera, liema hsarat jammontaw ghal aktar minn €116.34 izda mhux iktar minn €1,164.69;

2) Ukoll talli fl- istess jum lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika b’ ghajjat u glied;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-mertu ta’ din il-kawza kien jittratta kwistjoni familjari, bejn l-ahwa. Minghajr hafna dilungar zejjed, u minghajr ma’ tidhol fid-dettall fil-kwistjoni kollha, il-Qorti rat illi l-imputat ma kienx involut fl-argument originali bejn huh u ommu. Ghal xi raguni, izda, hu hadha kontra huh wara li nqala’ l-ewwel argument u mar id-dar ta’ huh u ghamel il-hsara fil-bieb u l-grada tieghu, presumibbilment biex jaqbez ghal ommu. B’xorti tajba, l-irjus shan lahqu birdu f’din il-kwistjoni kollha, u llum l-imputat u huh lahqu ftehim fuq it-tiswija tal-hsara u rrimettew rwiehhom ghall-provi migbura. Ghalhekk, il-Qorti sejra ssib htija fl-imputat ghal dan ir-reat, izda tenut kont tac-cirkostanzi partikolari, sejra tkun miti hafna fil-piena, ghax hekk thoss li jkun xieraq f’dan il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 325 (b) (c) u 338 (dd) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------